**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Stephen Micallef**
**v**

**MARWAN EL KURBO**

**Illum, 11 ta' Frar, 2002.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MARWAN EL KURBO** ta' tlieta w ghoxrin sena bin Andulla u Tessie nee Pace, imwieled l-Libja nhar t-tmintax ta' Ottubru, 1977 u joqghod 39, Okella Agius, Qormi Road, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita numru 14545A, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru, 1999 ghall-habta tas-siegha ta' filghodu f'B'Bugia:

1. ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PS 94 Mario Camenzuli u PC 550 George Zammit, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan s-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. talli f'Ottubru, 1999 halef falz quddiem il-Magistrat Inkwerenti Dottor Tonio Micallef Trigona li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament;

3. talli fl-istess dati b'qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza sabiex dan il-fatt jew cirkostanzi jkun jista 'l quddiem jiswa bi prova kontra l-imsemmija persuni u cioe PS 94 Mario Camenzuli u PC 550 George Zammit, bil-hsieb li b'hekk dawn il-persuni jkunu jistghu jigu kontra s-sewwa akkuzati jew misjuba hatja ta' reat;

4. talli fit-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru, 1999 ddenunzja lil Pulizija Ezekuttiva reat li kien jaf li ma sarx inkellha bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak r-reat kien sar;

5. talli fid-dati msemmija, bil-hsieb li jaghmel hsara lil PS 94 Mario Camenzuli u PC 550 George Zammit akkuza lil dawn il-persuni quddiem awtorita kompetenti b'reat, filwaqt li kien jaf li dawn il-persuni kienu innocenti.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 95, 108, 110 u 101 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar d-dsatax ta' Dicembru, 2001 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja fin-nuqqas ta' oggezzjoni da parti tal-imputat.

Rat li fis-seduta tal-erbatax ta' Jannar, 2002 l-imputat ddikjara li m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u konsegwentement deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Ikkunsidrat:

Illi principalment l-Prosekuzzjoni qed ssostni li l-imputat kien allega li gie msawwat mill-Pulizija waqt li kien qed jigi investigat dwar xi incidenti li sehhew l-lejl ta' qabel f'B'Bugia. Allega li kien gie trattat b'mod disuman. Fuq dan r-rapport kienet infethet inkjesta u l-Magistrat Inkwerenti kien sema x-xhieda hu personalment a tempo vergine ta' din l-allegazzjoni.

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal allegazzjoni fuq riferita mill-imputat kienu s-segwenti:

Huwa stqarr li fil-lejl tat-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru, 2000 wara kien mar Paceville u rritorna lura B'Bugia b'taxi flimkien ma certa Irene Sultana. El Kurbo kien jaf lil Irene Sultana minn qabel peress li

xi xhur qabel huwa kien jghix maghha fl-appartament taghha.  Kif waslu B'Bugia, Irene Sultana telqet tigri u dahlet fl-Ghassa tal-Pulizija u El Kurbo baqa jsegwiha.  Il-Pulizja dahhlu lil imputat l-Ghassa fuq rapport li kienet ghamlet Irene Sultana u svolga l-allegat kaz.

Illi sussegwentement l-imputat spicca b'diversi lezjonijiet kif deskritti mill-espert forensiku nominat fl-inkjesta Doctor Mario Scerri fir-relazzjoni tieghu esibita fl-atti bhala dokument MS a fol 67 et seq.  Illi mir-ritratti mehuda mis-Scene of the Crime Officers jirrizulta li l-imputat kellu varji lezjonijiet fuq partijiet differenti tal-persuna tieghu.

Illi dawn il-lezjonijiet gew deskritti bhala kollha "friski" u kompatibbli mal-hin li allegatament sehh l-incident.  Huma deskritti li jikkonsistu :

a. abbrazjoni fuq is-sider tax-xellug kompatibbli ma daqqa b'qiegh ta' zarbun;
b. f'abbrazjoni taht l-"clavicle" tax-xellug kompatibbli ma girfa minn difer;
c. f'abbrazjonijiet fuq in-naha tax-xellug tad-dahar kompatibbli ma grif;

d. f'abbrazjoni fuq in-naha ta' isfel tad-dahar kompatibbli ma girfa;

e. f'abbrazzjonijiet fuq l-aspett posterjuri tad-drigh tax-xellug kompatibbli ma grif;

f. f'zewg tbengiliet fuq l-ispalla in kwantu ghal wahda minnhom kagun ta' pressjoni tal-'*opposing thumb*' li timplika li l-imputat gie mahtuf mill-ispalla;

g. f'abbrazjonijiet fuq l-id x-xellugija kompatibbli ma grif kagunat minn dwiefer;

h. f'abbrazjonijiet fuq l-id x-xellugija kompatibbli ma grif kagjonati minn dwiefer;

i. f'abbrazjonijiet madwar il-polz tax-xellug kompatibbli ma grif.

Illi **Irene Sultana spjiegat** li dakinhar tal-incident l-imputat li kien nofsu fis-sakra, qabad taxi maghha minn Paceville ghal B'Bugia. Meta waslu B'Bugia l-imputat baqa jsegwiha u hareg ic-cintorin tieghu. Hija qalet li bdiet tigri u marret l-Ghassa taghmel rapport li l-imputat kien qed jsegwiha. Dak il-hin, Irene Sultana ex admissis tghid "l-imputat beda jissielet mal-Pulizija u anke kisser l-hgiega tal-

antiporta tal-Ghassa." (vide fol 40 tal-atti) Hija spjiegat li l-imputat beda jghid hafna diskors zejjed fis-sens li jekk il-Pulizija riedu setghu "jraqqduh l-Ghassa ghaliex minnhom ma jibzax."

Irene Sultana tkompli tghid li wara ftit li kienet marret d-dar, il-Pulizija regghu marru ghandha u talbuha biex jkellmuha tant li regghet marret l-Ghassa. Waqt li bdiet taghti l-partikolaritajiet taghha, l-imputat, li dak il-hin kien maqful fic-cella, beda jsabbat mal-kancell u jidghi sabiex jifthulu. Il-Pulizija fethulu l-kancell fil-presenza taghha (ta' Irene Sultana) u l-imputat beda jinsulenthom, jinstabat mal-art u jitghawweg. Dak il-hin, qalet Irene Sultana, s-Surgent mar fuq l-imputat biex jzommu izda l-imputat qam u telaq jigri.

L-Ufficjali tal-Pulizija u cioe **PS 94 Mario Camenzuli u PC 550 George Zammit taw l-istess versjoni** ta' kif graw il-fatti.

Huma spjegaw li dakinhar tat-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru, 1999, kmieni filghodu huma kienu stazzjonati l-Ghassa ta' B'Bugia, meta ghall-habta tas-siegha ta' filghodu, semghu ghajjat mhux tas-soltu u

f'daqqa wahda dahlet fl-Ghassa tfajla li wara rrizulta li kien jisimha Irene Sultana, li bdiet tallega li l-imputat kien qed jigri warajha. Appena hargu mill-bieb gew wicc imb'wicc mal-imputat li kellu mdendel f'idu cintorin bin-naha tal-bokkla mdendla u beda joffendi lil din t-tfajla u lil membri tal-Korp tal-Pulizija. Huwa beda jghajjat li bilfors ried jkellem lil din t-tfajla. Huma ghalhekk resqu lejh u fil-pront b'idu x-xellugija faqa hgiega tal-bieb b'daqqa. Qabad bicca hgiega u l-Pulizija hasbu li l-imputat kien ser jhebb ghal din t-tfajla bil-hgiega u ghalhekk haduwielu minn idejh. Dak il-hin l-imputat beda jissaltja biex jipprova jhebb ghalihom kollha. Il-Pulizija ghalhekk uzaw xi forza fis-sens biex ma jkomplix jfajjar u dahluh fic-cella. Waqt li kienu qed jinterrogaw lil imputat, PC 550 George Zammit reggha gab lil Irene Sultana l-Ghassa u "fil-pront l-imputat beda jitmieghek mal-art qisu mignun." Wara qam u telaq jigri mill-Ghassa, habat ma vettura tas-servizz u baqa sejjer jghajjat, jidghi u joffendi lil Pulizija u jheddidhom li kien ser jgharafhom.

Huma komplew jghidu li wara xi hin l-imputat minn rajh regha mar l-Ghassa u skuza ruhu ghall-akkadut u l-Pulizija nfurmatu li kienet ser tarrestah minhabba l-incident li kien holoq. Huwa ghal

darb'ohra ttanta jissara maghhom.  Meta dawn il-Pulizija gew debitament mistoqsija jekk huma ostakolaw lil imputat, huma wiegbu li zammewh milli jweggha lil xi hadd.

**Stefan Buhagiar xehed** li dakinhar tal-incident ghall-habta tas-siegha w nofs ta' filghodu ra persuna tohrog tigri mill-Ghassa u joffendi lil Pulizija.  Huwa kien qed jigri b'kemm kellu sahha. Buhagiar spjiega li fl-ebda hin ma ra lil xi Pulizija jsawwtuh izda rahom jzommuh milli jsawwat lilhom, waqt li kien qed jitkellem hazin u joffendihom.  Stefan Buhagiar kkonferma li ra lil imputat jahbat fil-vettura tas-servizz meta harab mill-Ghassa .

**L-imputat ma xehedtx f'dawn il-proceduri** kif kellu kull dritt li jaghmel **pero a tempo vergine tal-investigazzjoni, huwa kien ta d-deposizzjoni tieghu bil-gurament fl-inkjesta**.

Illi mix-xhieda tieghu johorgu hafna inezattezzi anke dwar r-relazzjoni li hu kellu ma Irene Sultana.  Huwa jistqarr li dam jghix maghha sitt xhur fl-appartament taghha f'B'Bugia waqt li hija tghid li ghex maghha perjodu ta' xahar.  Huwa jghid li hareg maghha ghal xi

tlett snin waqt li hija tghid li r-relazzjoni taghha bdiet xi hmistax il-jum qabel ma mar jghix maghha. Huwa jghid li rikeb fit-taxi ma Irene Sultana ghaliex kien ser jorqod ghandha u li kellhom xi jghidu fit-taxi. Hija tichad dan u tghid li l-imputat rikeb maghha ghaliex kien qed jsegwiha u fil-fatt appena nizlu B'Bugia, marret l-Ghassa tirrappurtah. Huwa jichad li nehha c-cintorin waqt li kemm Irene Sultana kif wkoll l-Ufficjali tal-Pulizija jghidu li kellu cintorin f'idejh. Huwa jghid li kien minnu li harab minghand l-Pulizija, pero dan sehh ghaliex beza minnhom. Huwa jichad li rrezista l-arrest pero Irene Sultana u l-Ufficjali tal-Pulizija jghidu li beda jirrezistihom u jissaltjhom. Huwa jichad li kellem hazin lil Pulizija ghalkemm Irene Sultana, Stefan Buhagiar u l-Pulizija ilkoll jikkonfernmaw li l-imputat tkellem hazin, beda jidghi u jintimida lil Ufficjali tal-Pulizija. Huwa jghid li l-Pulizija tefghuh mal-art u bdew jaghtuh bis-sieq. Irene Sultana tghid li l-imputat intefa mal-art u beda jaghti qisu mignun. L-imputat jghid wkoll li l-Pulizija ma riedux jehduh l-Poliklinika pero dan mhux minnu ghaliex jirrizulta mid-dokument WS 5 esibit fl-atti a fol 51, li l-Pulizija akkumpanjawh l-Ghassa u gie invistat minn Tabib li ddeskriva d-diversi griehi li kellu.

Illi ghalhekk jirrizulta mix-xhieda tal-imputat li hemm diversi inezattezzi u konflitti bejn dak li jghid u dak li jghidu x-xhieda l-ohra.

Illi ghalkemm ma hemmx dubbju li l-imputat safa vittma ta' diversi daqqiet, il-Qorti trid tara jekk dawn id-daqqiet kienux legittimi f'dawk ic-cirkostanzi jew jekk kienx hemm eccess ta' forza minn naha tal-Ufficjali tal-Pulizija.

L-uzu ta' forza minn Ufficjal tal-Pulizija jista jaqa taht zewg kategoriji. Fl-ewwel lok il-kategorija fejn hemm tali sitwazzjoni li tippermetti l-uzu tal-forza ta' Ufficjal tal-Pulizija w t-tieni kategorija hija l-limitu permess ghal tali uzu.

Kull Ufficjal tal-Puliizja ghandu jkun jaf x'inhuma d-drittijiet tieghu w d-differenzi li hemm bejn dak li jissejjah forza legittima '*legitimate force*', forza mhux rikjesta '*unneccessary force* ' u l-brutalita ' *brutality*'.

Il-forza legittima hija dik il-forza li Ufficjal tal-Puliizja juza sabiex jimpedixxi l-aggressur milli jkompli bl-agir illegali tieghu biex

b'hekk igib is-sitwazzjoni taht kontroll. F'dak il-kaz li s-sitwazzjoni tkun taht kontroll u l-Ufficjal jippersisti bl-uzu ta' forza, allura b'hekk ikun qed jaqbez il-linja ta' forza legittima.

Il-brutalita hija dik il-forza intenzjonali li juza Ufficjal tal-Pulizija f'kaz ta' bzonn legali. Il-forza zejda jew ahjar l-'*unnecessary force*' tikkreja hsara daqs il-brutalita. Din, fil-maggor parti tal-kazijiet ssehh, meta Ufficjal tal-Puliizja m'ghandhux bizzejjed esperjenza sabiex igib sitwazzjoni taht kontroll effetiv minghajr l-uzu tal-forza.

Skond *The Code of Conduct for Law Enforcement Officials* tal-United Nations:

> "*Law Enforcement Officials may use force only when strictly necessary and to the extent required for the performance of their duty.*"

Fil-fatt fin-notamenti mahruga mill-***Council of Europe - 1994*** pagna 182 dwar il-**Human Rights and the Police** gie ritenut li :

"*The use of force cannot be used if it is disappropriate to the legitimate objective to be achieved.*"

Taht t-tieni ktieb, Titolu 1 imsejjah "**Fuq is-Setghat u d-Dmirijiet Ezekuttivi**" fil-procediment kriminali nsibu l-artikolu 355 tal-Kap 9 li jiddisponi illi :

"*L-Ufficjal* [b'referenza ghal Pulizija] *m'ghandux juza hruxija, irbit jew tghakkis iehor hlief jekk ma jkunx jista bl-ebda mod jghaddi minghajrhom sabiex jzomm fiz-zgur l-arrestat jew jekk huma jkunu mehtiega minhabba bl-imgieba tal-arrestat.*"

Dan ifisser li jekk il-persuna koncernata ma toffrix resiztenzi fl-arrest jew tobdi l-ordni legittimi moghtija lilha mill-Pulizija Ezekuttiva, il-Pulizija qatt ma jista jigu gustifikat jew skuzat ghal uzu ta' xi forza.

Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tletin ta' Gunju, 1949*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Hewitt**, gie

deciza li f'dawk il-kazijiet fejn bniedem jirresisti arrest jew ma jobdix l-ordni legittma tal-Pulizija, il-Pulizija jkollha tesegwixxi l-ordnijiet taghha bl-uzu ta' forza. F'din is-sentenza, il-kompjant l-Imhallef William Harding qal ;

> "*The Police Constable had no other alternative beyond that of trying to take him by force.*"

U jkompli jghid lil :

> "*When the appellant persisted in refusing to comply with Kitcher's orders (to accompany him to the Police Station) then Kitcher (the Police Officer) was entitled to use such degree of force as was necessary to secure the appellant - provided says* ***Kenny*** *in his text book* ***Outlines of Criminal Law*** *- no more force is used than is proportionate to the immediate needs ... of course, the quantum of force is not capable of being measured to a millimeter or weighed to an ounce.*"

Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Frar 1955*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Bartolo**, il-Qorti sostniet li:

> "*L-uzu ta' forza meta rikjest mic-cirkostanzi tal-kaz, u fil-limiti tan-necessita tal-kaz, huwa permess mill-ligi mill-Membri tal-Pulizija in konnessjoni ma l-ezercizzju tad-dmirijiet pubblici taghhom.*"

F'***sentenza ohra moghtija mill-istess Qorti nhar l-hamsa w ghoxrin ta' April 1949*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v W Luck et** gie ritenut li :

> "*There is nothing unlawful if a Police Officer uses that 'medium' of force that is necessary by the acts of the aggressor, so that the fact that the aggressor, as a result of the use of that force used by the Police Officer suffers some injury, could not appear to be material in his defence.*"

Illi fil-Kodici Penali ma nsibu l-ebda gwida dwar uzu ta' forza salv ghal artikolu fuq riferit u cioe l-artikolu 139A li gie ntrodott fl-1990, wara li l-Konvenzjoni Ewropeja saret parti mill-ligi taghna li jipprovdi li:

> "*L-ebda Ufficjal Pubbliku fil-qadi ta' dmirijietu ma jista jikkawza hsara fizika jew mentali fuq persuna sabiex jottjeni stqarrija/konfessjoni, bhala piena ghal dak li jaghmel jew susspettat li ghamel, jew sabiex igieghel jaghmel jew ma jaghmilx xi haga b'intimidazzjoni jew ghal kwalsiasi raguni bbazata fuq diskriminazzjoni*."

Illi dan qed jinghad ghaliex ma jidhirx l-kaz li l-Pulizija Ezekuttiva ghamlet xi hsara fuq il-persuna tal-imputat b'mod voluntarju ghar-ragunijiet imsemmija f'dan l-artikolu.

Illi minn ezami tar-relazzjoni ta' Doctor Mario Scerri jirrizulta li minn ezami li hu ghamel fuq l-imputat, jirrizultaw diversi abbrazzjonijiet li huma kompatibbli ma grif, ohrajn ma *grip marks*, ohra ma daqqa ta' zarbun u ohrajn kagjonati bi pressjoni ta' *opposing*

*thumb*. Illi fil-fehma tieghu dawn huma griehi li jkun hemm fuq persuna ta' xi hadd li qed jirrezisti l-arrest (vide fol 139 tal-atti).

Illi ma hemmx dubbju li mill-provi prodotta jirizulta li l-imputat kien vjolenti, jigri wara tfajla bic-cintorin f'idejh, jifqa hgiega ta' tieqa tal-bieb tal-Ghassa, jinsulenta, jhedded u jintimida lil Ufficjal tal-Pulizija u lil Irene Sultana. Jirrizulta li kien bla kontroll tant li ghadda l-awrina mal-art waqt li kien fic-cella, li kellu riha ta' xorb, u li ntefa mal-art jaghti bis-sieq. Jirrizulta li kien konfuz ghaliex filli jahrab mill-Ghassa, jahbat go vettura tas-servizz u jghid li beza' mill-Pulizija u filli, ftit wara, jirritorna fl-istess Ghassa u jitlob skuza.

Illi ma hemmx dubbju li l-imputat kien qed jirrezisti l-arrest u jissara mal-Pulizija. Illi l-Qorti ma thossx li l-Pulizija agixxew in eccess. Huma ttantaw jzommu s-sitwazzjoni taht kontroll u jrazznu lil imputat mill-ghemil vjolenti tieghu.

Illi bla dubbju ta' xejn l-ewwel akkuza ta' theddid w ingurja fil-konfront tal-Ufficjali tal-Pulizija kif kontemplati fl-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tirrizulta ppruvata.

Illi l-Qorti thoss in vista tax-xhieda mismugha li ghandha ssib lil imputat hati wkoll talli ha gurament falz quddiem il-Magistrat Inkwerenti meta qal li mhux veru insulenta, hedded jew ingjurja lil Ufficjali tal-Pulizija u li sawtuh bla hniena u ghal xejn u ghalhekk in segwitu holoq provi foloz u qarrieqa meta ddenunzja lil Pulizija Ezekuttiva r-rapport dwar PC 94 Mario Camenzuli u PC 550 George Zammit.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 95, 108, 110 u 101 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ghandu fedina penali netta minghajr ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrata fuqha u ghalhekk fic-cirkostanzi il-Qorti thoss li ghandha tittratta mal-imputat daqs li kieku huwa *a first time offender*.

Illi l-Qorti thoss li dak li ghamel l-imputat huwa serju hafna u ghalhekk piena karcerarja hija dik idoneja, pero minhabba c-cirkostanzi li l-imputat huwa *a first time offender*, sejra tissospendi l-applikazzjoni taghhom.

**Ghaldaqstant wara li tiddikjara li qed ssib lil imputat MARWAN EL KURBO hati tal-akkuzi kollha kif addebitati lilu, ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tikkundannah ghal piena karcerja ta' sena sospiza ghal tlett snin.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car l-import ta' din s-sentenza lil imputat u x'jigri f'kaz li jonqos li josservha.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**